MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE ANTON**
**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 295/1999/1

**Caroline Bianco**

**vs**

**Rita u Dominic konjugi Ebejer**

**Il-Qorti;**

Dan hu provvediment dwar it-talba ta' l-attrici appellanti sabiex tigi ammessa ghall-*cautio juratoria* flok ma tiddepozita l-kawtela skond il-ligi. Ir-rikors, li permezz tieghu hija talbet li tigi hekk ammessa, igib id-data tat-18 ta' Novembru, 2002. L-appell kien appuntat ghas-smigh ghall-ewwel darba ghall-21 ta' Novembru, 2002.

L-ammont tal-kawtela gie stabbilit mir-Registratur fis-somma ta’ mija sitta w disghin lira (Lm196). Fir-rikors taghha l-appellanti tallega li m’ghandhiex il-mezzi sabiex taghmel din il-garanzija u li ma rnexxilhiex iggib il-garanzija skond il-ligi. Tallega wkoll illi, kif jidher mir-rikors ta’ appell, hija ghandha *probabilis causa litigandi*.

L-Artikolu 904(1) jipprovdi li appellant jista’ jinghata l-beneficcju tal-garanzija bil-gurament *“…meta huwa juri* prima facie *li ghandu* probabilis causa litigandi*, u jahlef li ma rnexxilux igib dik il-garanzija mehtiega skond il-ligi.”* Il-ligi, ghalhekk, tirrikjedi zewg affarijiet sabiex din il-Qorti tkun tista’ tammetti lil dak li jkun ghall-beneficcju in dizamina: (1) irid juri li *prima facie* ghandu *probabilis causa litigandi* u (2) irid jahlef li ma rnexxilux igib il-garanzija stabbilita mir-Registratur.

Kwantu ghat-tieni rekwizit (li normalment jigi kronologikament ezaminat l-ewwel minhabba li l-allegat nuqqas ta’ mezzi huwa l-bazi tat-talba kollha), il-gurament ta’ min jitlob il-beneficcju tal-*cautio juratoria* huwa, s’intendi, suggett ghall-iskrutinju tal-Qorti. Qatt ma kienet certament l-intenzjoni tal-legislatur li ghax persuna semplicement tghid, taht gurament, li ma rnexxilhiex iggib il-garanzija allura l-Qorti trid taccetta *a bocca baciata* dik l-affermazzjoni. Huwa proprju ghalhekk li l-appellant li jitlob tali beneficcju jixhed u jigi ezaminat *viva voce* fil-qorti u jsirulu kemm mill-kontro-parti kif ukoll, jekk ikun il-kaz, mill-Qorti il-mistoqsijiet opportuni. Il-ligi tirrikjedi li r-rikorrent jaghmel il-prova, a sodisfazzjoni tal-Qorti, li hu *“…ma rnexxilux igib…il-garanzija…”* (sottolinear tal-Qorti), mhux semplicement li ma gabx il-garanzija (*“…he was unable to raise such security…”* fit-test Ingliz, u mhux “…did not raise such security…”) Ir-rikorrent, ghalhekk, irid jissodisfa lill-Qorti, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, mhux semplicement li hu ma kellux f’idejh is-somma mehtiega biex jiddepozita l-kawtela izda li ma kienx ragjonevolment mistenni minnu, tenut kont tal-mezzi tieghu u tal-ammont tal-kawtela, li jghaqqad flimkien dik is-somma. S’intendi, aktar ma s-somma tal-garanzija tkun zghira aktar hu mistenni li dak li jkun jaghmel ftit ta’ sforz biex jghaqqad dik is-somma. Fi kliem iehor, l-Artikolu 904

qieghed hemm mhux sabiex fuq l-icken pretest dak li jkun ma jiddepozitax il-kawtela, izda qieghed hemm biex f'kazijiet verament genwini fejn l-appellant, minkejja l-isforzi ragjonevoli tieghu, ma jkunx irnexxielu igib is-somma mehtiega, huwa jkun jista' xorta wahda jipprevalixxi ruhu mid-dritt ta' appell biex il-kaz tieghu jigi ezaminat minn din il-Qorti ta' revizjoni.

Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti mhix sodisfatta mill-penurja tar-rikorrenti appellanti. Ghalkemm hija xehdet li tghix fuq is-sigurta` socjali u li m'ghandhiex *income* iehor, l-appartament fejn tghix huwa proprjeta` assoluta taghha (b'mod li ghalhekk ma thallasx kera). Pero` ma ngabitx prova li ma hemmx flus fil-banek f'isem ir-rikorrenti. Inoltre, l-appellanti xehdet in kontro-ezami li hija, ghalkemm separata, tghix mar-ragel li hu missier it-tfal taghha (ghalkemm meta l-Qorti, fi stadju precedenti, staqsietha jekk hija kienitx qed tghix ma' xi hadd iehor, hija wiegbet fin-negattiv). Dwar id-dhul ta' dan ir-ragel, l-appellanti kienet evaziva ghall-ahhar fir-risposti taghha. L-appellanti, bhala attrici quddiem l-ewwel qorti, ma jirrizultax li pprocediet bil-beneficcju ta' l-ghajnuna legali – ghalkemm din il-Qorti taghmilha cara li l-fatt li persuna ma tkunx ipprocediet bil-beneficcju ta' l-ghajnuna legali fl-ewwel istanza ma jfissirx li fi stadju ta' appell ma jkunx applikabbli l-Artikolu 904).

Kollox ma' kollox din il-Qorti mhix sodisfatta li l-attrici appellanti ssodisfat it-tieni rekwizit aktar 'l fuq imsemmi. Ghall-motivi premessi, tichad it-talba kif kontenuta fir-rikors tat-18 ta' Novembru, 2002 u konsegwentement tiddikjara l-appell dezert fit-termini tal-Artikolu 209(1) tal-Kap. 12.

Dep/Reg

gs